# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum is-26 ta' Novembru 2019**

Appell numru 409 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Domenico Savio MICALLEF**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-12 ta' Ottubru 2017 fil-konfront ta' Domenico Savio MICALLEF, karta tal-identità bin-numru 215468M fejn ġie mixli talli:

   Fil-ġranet ta' bejn it-28 t'Ottubru, 2015 u d-29 t'Ottubru 2015 u fil-ġranet, xhur u ħinijiet ta' qabel f'dawn il-gżejjer:

   1. Ikkommetta reat peress li għamel użu minn computer b'mod mhux dovut skond il-Liġi;

2. U aktar talli fl-istess ħin u ċirkostanzi uża computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex jidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew juża, jikkopja jew jimmodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ;

3. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi uża l-kodiċi ta' dħul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra;

4. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi għamel output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-computer li jkun qiegħed jinżammu fih, sew billi dawn jittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor;

5. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi ħa pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew għamel użu minnhom.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, stqarret is-segwenti:

Rat id-dokumenti kollha esebiti;
Rat l-atti kollha tal-kawża;
Semgħet lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kellu relazzjoni fil-passat ma' Bradley Attard, il-parti leza f'din il-kawża. Huma kienu jgħixu flimkien fir-residenza tal-imputat, u jidher li kellhom aċċess liberu għall-użu ta' computers ta' xulxin. Ir-relazzjoni kienet spiċċat, u t-tnejn infirdu minn xulxin. Xi żmien wara, fit-30 ta' Ottubru 2015, fuq il-'Facebook page' ta' Silver Falcon li kien ta' Bradley Attard, persuna mhux magħrufa tellgħet ritratt ta' Attard ma' raġel ieħor mgħannqin flimkien fis-sodda, bir-riżultat li dan ir-ritratt setgħu jarawh kull min kien qed jara l-paġna imsemmija. Dan ir-ritratt ittella' mingħajr il-kunsens ta' Attard u tar-raġel l-ieħor li ġie jidher fih, ċertu Nazzareno Borg. Sar rapport lill-Pulizija, u peress illi xi żmien qabel Attard kien igħix ma' Micallef u kellhom aċċess għall-computers ta' xulxin, Attard issuspetta fih u talab lill-Pulizija jinvestigawh. Mill-investigazzjonijiet illi saru, irrisulta li f'dawk il-jiem persuna kienet daħlet fuq is-sit in kwistjoni mill-indirizz elettroniku tal-imputat. L-imputat ċaħad li kien hu, iżda l-Pulizija xorta akkużatu b'dawn ir-reati u għalhekk inbdew dawn il-proċeduri.

> Mill-provi prodotti l-Qorti m'għandha ebda dubju li kien l-imputat stess li tella' r-ritratt ta' Attard u ta' Borg flimkien fuq is-sit ta' Attard stess. Il-Qorti m'għandhiex għalfejn tkun taf x'setgħet kienet ir-raġuni għalfejn l-imputat għamel hekk, għalkemm wieħed jista' jissoponi x'kienet ir-raġuni. Il-prova kardinali tinsab fir-rapport ta' PC 1275 Matthew Sacco, mis-Cybercrime Unit tal-Pulizija. Hemm indikat ċar li xi ħadd daħal fuq is-sit ta' Attard minn fuq l-indirizz elettroniku tal-imputat. Dan irid jiġi spjegat u ġustifikat minn ħadd ħlief l-imputat stess, iżda dan m'għamlux. Għalhekk il-Qorti m'għandha ebda triq oħra ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu. Kwantu għall-piena, il-Qorti jkollha tistqarr li hi tistmerr ħafna dawn it-tip ta' reati, fejn persuna tagħżel li tagħmel ħsara lil persuna oħra fuq livell personali u b'mod anonimu. Dawn it-tip ta' kawżi huma solitament manifestazzjoni ta' ritaljazzjoni kontra persuna li, xi żmien qabel, kienet f'relazzjoni intima ma' dak li jkun, u l-azzjoni solitament tkun waħda ta' vendikazzjoni kontra l-persuna li xi darba kien hemm relazzjoni intima magħha. Il-Qorti ma tafx x'tip ta' relazzjoni kien hemm bejn Attard u l-imputat, iżda l-animu ta' tpattija li wera l-imputat b'dak li għamel huwa ferm indikattiv ta' dan. Għalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-piena idoneja għal dan ir-reat għandha tkun dik ta' multa.

Kien għal dawn il-motivi li l-Qorti wara li rat l-Artikoli 337C(1)(a), 337C(1)(b), 337C(1)(i) u 337C(1)(f), u 337F(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-akkużi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni, u għalhekk ikkundannatu għal piena ta' multa ta' tmint elef Ewro (€8,000.00). Il-Qorti fissret fi kliem ċar, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

3. Illi minn din is-sentenza Domenico Savio MICALLEF interpona appell permezz ta' rikors datat 24 ta' Ottubru 2017 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha:

> Tħassar is-sentenza appellata in kwantu sabitu ħati u tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u b'mod sussidjarju u fl-eventwalita` biss li l-ewwel talba tiġi miċħuda u b'hekk il-ħtija tiġi kkonfermata, li l-piena mposta fuq l-esponenti tiġi mibdula sabiex tkun waħda aktar ekwa u ġusta għal każ odjern.

Dan wara li saħaq is-segwenti: -

**A. <u>Dwar l-apprezzament tal-Provi</u>**

Illi fil-każ *de quo* l-appellant instab ħati ta' imputazzjonijiet a bażi tal-artikolu 337C tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant seta' biss jinstab ħati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontra kieku l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn dubbju dettat mir-raġuni illi kien proprju l-esponenti illi aċċessa tali Facebook account u ċioe' li effettivament kien l-appellanti li kkommetta r-reati prospettati fl-aritkolu 337C tal-Kap 9. <u>Fl-umli fehma tal-esponenti, dan baqa' qatt ma ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.</u>

Illi, minn eżami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, f'dan il-każ jirriżulta li l-istess Prosekuzzjoni bbażat l-każ tagħha fuq diversi provi indizzjarji *('circumstantial evidence')*. *Di piu'* l-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza appellata, sostniet illi "m'għandha ebda dubju li kien l-imputat stess [ossia l-appellant] li tella' r-ritratt ta' Attard."

Madanakollu, bir-rispett għandu jiġi mfakkar illi sabiex l-appellant seta' jinstab ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu, il-provi indizjarji kollha hekk kif prodotti mill-Prosekuzzjoni kellhom jippuntaw unikament lejn l-appellant bħala l-persuna li għamel dak li kien qed jiġi akkużat bih u ossia ma jħallu lok għall-ebda konklużjoni oħra.

Illi, kif ġie stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna, huwa prinċipju ben assodat li l-provi fil-kamp kriminali jistgħu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjarji iżda dawn tal-aħħar iridu jkunu univoci, iwasslu għal konklużjoni waħda u jridu jkunu suffiċjenti u tali li jnisslu f'moħħ il-ġudikant konvinċiment morali lil hinn minn kull dubju raġonevoli dwar ir-reita' tal-persuna imputata.

F'dan ir-rigward l-esponenti jagħmel riferenza għal sentenza mogħtija fis-17 ta' Settembru 2008 fil-kawża fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs. Pierre Buttigieg'</u>** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> Prova indizjarja waħda, jekk tkun univoka w ma tagħti lok għall-ebda spjegazzjoni oħra għajr dik tal-ħtija tal-akkużat, tista' tkun biżżejjed biex fuqha biss tinstab dik il-ħtija.

*In oltre* l-esponenti jagħmel ukoll referenza għal sentenza oħra mogħtija fis-6 ta' Mejju 1961 fil-każ fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs. Carmelo Busuttil et.'</u>** mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn intqal is-segwenti:

> Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-aħjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi preċiżjoni matematika.

Tenut kont tal-indizzji ċirkustanzjali illi fuqhom ibbażat il-każ tagħha il-Prosekuzzjoni, ċertament ma jistax jingħad li tali indizzji huma univoci.

PC 1275 permezz tar-rapport tiegħu ppreżentat quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u mmarkat bħala Dok MS1, ippreżenta risposta, allegatament mibgħuta mill-kumpanija Facebook, kontenenti numru ta' IP addresses illi aċċessew il-profil ta' Facebook bl-isem ta' 'Silver Falcon' bejn is-27 u l-31 ta' Ottubru, 2015.

<u>Tali risposta ma kienetx tinkludi biss l-IP Address tal-appellant, iżda kienet tinkludi minn ta' lanqas għaxar IP Addresses oħrajn appartenenti lil terzi persuni mhux identifikati, illi aċċessew il-Profil ta' Facebook in kwistjoni bejn is-27 ta' Ottubru, 2015 u l-31 ta' Ottubru, 2017.</u>

Għaldaqstant ċertament ma jistax jingħad li tali prova hija univoka u tipponta biss lejn l-appellant.

Fil-fatt PC 1275 jikkonferma illi minn risposta illi rċevew il-Pulizija mingħand is-soċjeta' kummerċjali Go plc huwa indikat illi matul iż-żmien in kwsitjoni il-profil ta' Facebook bl-isem ta' 'Silver Falcon' ġie aċċessat kemm mill-IP Address ta' Tristan Attard kif ukoll mill-IP Address tal-appellant.

Magħdud ma' dan, għandha ssir referenza wkoll għal dak li xehed PC 1275 fejn sostna illi għalkemm kien hemm persuni li aċċessew il-profil ta' Facebook in kwistjoni permezz ta' IP Addresses irreġistrati mal-kumpanija Melita plc, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma skoprietx ta' min kienu jappartjenu tali IP Addresses stante li skond risposta illi rċieva PC 1275, tali IP Addresses ma jistgħux jiġu 'mapped'.

L-esponenti bir-raġun jistaqsi:

1. Kif jista' jingħad li tali indizzji ċirkustanzjali huma univoci meta kemm il-kumpanija Facebook kif ukoll is-soċjeta' kummerċjali GO plc qiegħda tidentifika terzi persuni illi aċċessew tali profil ta' Facebook kemm qabel kif ukoll wara l-akkadut?

2. Kif jista' jingħad li tali indizzji ċirkustanzjali huma univoci meta għalkemm nafu illi terzi persuni permezz ta' IP Addresses irreġistrati ma' Melita plc aċċessew tali profil u tali terzi baqgħu qatt ma ġew identifikati?

*Di piu'* anke jekk għall-grazzja tal-argument u għall-grazzja tal-argument biss kellna nemnu illi tali profil ġie aċċessat mill-IP Address tal-esponenti madankollu dan ċertament ma jfissirx illi kien l-appellanti illi aċċessa mingħajr l-awtoriżazzjoni neċessarja tali profil stante li kif joħroġ ċar mill-atti proċesswali, ir-residenza tal-appellanti hija mgħammra b''*wireless*

*connection'* li tintlaħaq minn barra r-residenza tiegħu u li l-'password' li tassigura l-imsemmija *'wireless connection'* kienet magħrufa minn terzi persuni nkluż mill-kwerelant stess.

Fil-fatt l-appellant stess fid-deposizzjoni tiegħu ta' nhar it-2 ta' Ġunju, 2017 stqarr illi fir-residenza tiegħu għandu aċċess għall-internet permezz ta' Wi-Fi. Tali Wi-Fi għandu password u diment li l-esponenti jaqsam tali password ma' nies oħrajn, il-Wi-Fi tiegħu seta' jintuża min-nies oħrajn ukoll inkluż mill-kwerelant li kien jaf tali password u li seta' faċilment jagħmel użu minn dan il-Wi-Fi stante li l-esponenti jsostni illi l-Wi-Fi tiegħu huwa aċċessibbli minn barra r-residenza tiegħu, ossia minn ġot-triq stess.

Fid-dawl taċ-ċirkustanzi odjerni, jiġi mfakkar illi jekk terzi persuni li jafu il-password tal-Wi-Fi jagħmlu użu minn tali Wi-Fi, anke jekk il-persuna tkun barra ir-residenza tal-esponenti, l-IP Address li jimmarka jkun dak li jappartjeni lill-appellant, anke jekk ma jkunx l-appellant illi għamel użu minn tali Wi-Fi.

*In oltre* kemm l-appellant stess kif ukoll is-sieħeb tiegħu jikkonfermaw bil-ġurament illi dakinhar inkwistjoni, ossia nhar it-28 ta' Ottubru, 2015 l-esponenti ma seta' qatt għamel użu mill-internet tar-residenza tiegħu stante li kienu qegħdin jabitaw flimkien ġo residenza differenti minn dik appartenenti lill-appellant u ċioe li fuqha huwa rreġistrat l-IP address in kwistjoni.

A bażi tas-su espost kollu, l-esponenti bir-rispett jisħaq illi l-indizzji prodotti u li fuqhom l-Ewwel Onorabbli Qorti serrħet id-deċiżjoni tagħha, huma 'l bogħod minn dik l-univoċita' illi tirrekjedi l-Liġi, għaldaqstant l-appellanti ma seta' qatt jinstab ħati a bażi ta' tali provi.

**B. <u>Dwar ir-relazzjoni ta' PC 1275 u l-'hearsay evidence rule'</u>**

Dan l-aggravju qiegħed jinġieb a kuntrarju u b'mod sussidjarju tal-aggravju preċedenti.

Illi l-esponenti ser jagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet rigward ix-xhieda u r-rapport ta' PC 1275 Matthew Sacco ppreżentat nhar it-2 ta' Ġunju, 2016.

A fol. 1 tad-deposizzjoni tiegħu ta' nhar it-2 ta' Ġunju, 2016 kif ukoll a fol. 1 tar-rapport ippreżentat minnu dakinhar stess[1] u mmarkat bħala Dok MS1, PC 1275 Matthew Sacco jistqarr illi:

[1] Vide fol. 25 tal-Atti Processwali.

> On the 4th of November, 2015 at about 10:51 hrs, this end sent a request to Facebook to see who had logged on the Profile 'Silver Falcon' between the 27th of October, 2015 till 31st of October, 2015. Same request is marked and attached as per RED 8.[2] Later on the 17th of November, 2015 at about 15:13:21hrs UTC a reply from Facebook was received with a list of IP Addresses that have been used to access the Profile name 'Silver Falcon' in the time window provided.[3]

L-esponenti jissottometti illi tali risposta, allegatament mibgħuta mill-kumpanija Facebook, għalkemm tinkludi numru ta' IP Addresses illi aċċessew il-Facebook Profile bl-isem ta' 'Silver Falcon' madanakollu tali risposta la tinkludi isem ta' min bat tali informazzjoni, la tinkludi xi forma ta' firma ta' min kiteb din l-informazzjoni u wisq anqas il-persuna li 'suppost' batet tali informazzjoni ma kkonfermatx taħt ġurament il-kontenut tal-informazzjoni hekk kif prodotta.

Għaldaqstant a bażi tas-su espost, fir-rigward tal- istess informazzjoni la nafu mingħand min intbagħtet, la nafu jekk hiex dokument ġenwin u awtentiku u wisq anqas nafu jekk tali informazzjoni hiex korretta u preċiża.

B'hekk ifisser li dak li qiegħed jixhed fuqu PC 1275 jammonta biss għal 'hearsay' u quindi inammissabbli.

*Di piu'* l-appellanti jissottometti illi jekk il-Prosekuzzjoni riedet iġġib il-prova mingħand Facebook, hija kellha tagħmel dan skond il-Liġi ċioè billi titlob lil Qorti li jixhdu rappreżentanti ta' Facebook Inc. Fl-ebda stadju quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-Prosekuzzjoni ma talbet lill-kumpanija Facebook Inc. jew inkella xi rappreżentant tagħha sabiex tikkonferma l-verita' tal-informazzjoni ppreżentata minn PS 1275 la permezz ta' ittri rogatorji u lanqas bi kwalunkwe mezz ieħor permessibbli mil-liġi.

Bl-ikbar rispett u umilta' l-esponenti jistaqsi, kif l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet taċċetta prova inammissibbli u a bażi tagħha, minkejja li mhijiex univoka ssib lill-esponenti ħati??

*Di piu'* fl-istess rapport u xhieda, PC 1275 jikteb illi:

> With the results provided by Facebook a WHO IS Search was made on the IP Addresses provided and it was established that the IP Addresses where from Melita plc and from GO plc…
>
> On the 17th of November, 2015 at about 20.03hrs a request to Melita plc was sent with a list of IP addresses provided by Facebook. Same is marked and attached as per RED 11. On the 18th of November, 2015 a reply from Melita plc was received with negative results stating that the IP's provided couldn't be mapped to a single endpoint as each

[2] Vide fol. 46 tal-Atti Processwali.
[3] Vide fol. 37 et. seq. tal-Atti Processwali.

IP could be used by multiple endpoints simultaneously, a copy of the reply is attached as per RED 12.

On the 21st of November, 2015 at about 18:29hrs a request to GO plc was sent with the IP's provided by Facebook. Same request is attached and marked as per RED 13. On the 3rd of December, 2015 a reply from GO plc was received with results of the Users who made access to the Facebook Profile 'Silver Falcon'.

Għaldaqstant skont ir-rapport u x-xhieda tal-istess PC 1275 Matthew Sacco, l-IP addresses li aċċessew il-Facebook Profile 'Silver Falcon' bejn is-27 ta' Ottubru, 2015 u l-31 ta' Ottubru, 2015, ossia kemm qabel kif ukoll wara t-tfiegħ tar-ritratt in kwistjoni u li kienu rreġistrati mas-sistema tal-GO plc u mal-Melita plc. kienu jappartjenu lil **Tristan Attard**, lill-appellant **Domenic Savio Micallef**, u **lil terzi persuni li qatt ma ġew identifikati.**

*Di piu'* għalkemm PC 1275 kiteb illi r-risposti mibgħuta kemm mill-GO plc u l-Melita plc huma annessi mar-rapport tiegħu, tali risposti ma humiex hemm mehmuża u ħadd ma ntalab jikkonferma tali informazzjoni bil-ġurament lanqas. Fi kliem sempliċi fl-ebda ħin u mument ma ġew jixhdu rappreżentanti tal-Go plc u/jew tal-Melita plc.

A bażi tas-su espost, l-esponenti jsostni illi x-xhieda ta' PS 1275 u r-rapport tiegħu żgur li ma hix l-aħjar prova li tindika illi:

1. l-IP Address b'numru 195.158.75.157 aċċessa il-Profil ta' Facebook tal-kwerelant;
2. l-IP Address b'numru 195.158.75.157 jappartjeni lill-appellanti;
3. Li effettivamement kien l-appellanti illi uża l-internet tiegħu u mingħajr ebda awtorizżazzjoni aċċessa l-profil tal-Facebook tal-kwerelant,
4. Anzi jeżisti dubju ċar u palesi li hemm terzi persuni li setgħu kienu huma.

Każ klassiku dan ta' kif tiġi spjegata l-massima ta' 'circumstantial evidence' lill-ġurija popolari fejn hawnhekk minflok baby maqtul għandna ritratt impoġġi fuq Facebook.

Illi l-artikolu 598 tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili, applikabbli għall-każ odjern permezz tal-artikolu 645 tal-Kodiċi Kriminali jistipula li:

*(1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.*

Għalhekk kull ma qal PC 1275 huwa xejn għajr *'hearsay evidence'* stante li ħaddieħor seta' faċilment jinġieb u jikkonferma tali informazzjoni u ċioè ma kellux jikkonstitwixxi prova kontra l-appellant.[4]

Fid-dawl ta' dawn in-nuqqasijiet u inċertezzi kollha, l-esponenti bir-rispett jistqarr illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt issibu ħati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontra tiegħu a bażi tal-provi indizjarji prodotti mill-Prosekuzzjoni stante li tali provi ma jipprovawx lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni illi effettivament kien l-appellant illi aċċessa l-profile tal-Facebook tal-kwerelant u li effetivament kien hu li li biddel il-password ta' tali profil u beda juża tali profil.[5]

Fl-umli fehma tal-appellant, tali allegazzjonijiet huma biss spekulazzjonijiet, konġetturi u xejn ibbażat fuq provi konkreti fl-atti.

**C. <u>Dwar id-Deposizzjoni tal-kwerelant Bradley Attard</u>**

Dan l-aggravju qiegħed jitqajjem mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti u għandu jittieħed u jinqara flimkien ma' kull aggravju alternattiv preċedenti.

Permezz tas-sentenza appellata, l-Ewwel Onorabbli Qorti implikat illi l-verżjoni illi ta l-imputat fid-deposizzjoni tiegħu ta' nhar it-2 ta' Ġunju, 2016 hija kredibbli u għandha mis-sewwa. Bir-rispett kollu pero' l-esponenti ma jista' jaqbel qatt ma' tali implikazzjoni.

Għalkemm il-kwerelant fid-deposizzjoni tiegħu jsostni għal darba tnejn illi "ħadd aktar ma kellu aċċess ħlief hu",[6] madanakollu kieku għal grazzja tal-argument u għal grazzja argument biss, kellna noqgħodu fuq l-informazzjoni illi ġiet mibgħuta minn Facebook u nqabbluha mal-korrispondenza mibgħuta minn GO plc u Melita plc, wieħed jirrealiżża illi tali profil ta' Facebook ma ġiex aċċessat **<u>biss</u>** mill-IP Address rreġistrat fuq l-esponenti iżda kien aċċessat ukoll mill-IP Address ta' Tristan Attard u minn terzi persuni mhux identifikati, b'hekk il-verżjoni ta' Bradley Attard tiġi meruta mix-xjenza teknoloġika indipendenti.

Madanakollu l-kwerelant fix-xhieda tiegħu għal raġuni misterjuża fl-ebda moment ma għamel referenza għal Tristan Attard jew għal terzi persuni u kif l-istess terzi setgħu b'xi mod jew ieħor jaċċessaw il-Facebook Profile tal-kwerelant meta l-kwerelant jikkonferma fuq il-pedana tax-xhieda illi ħadd ma kellu aċċess għall-Profil ta' Facebook tiegħu.

[4] Vide passim ***Il-Pulizija vs Hassan Khaled*** deċiża nhar il-5 ta' Gunju, 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef J. Galea Debono u ***Il-Pulizija vs Michael Ciappara*** deciza nhar l-4 ta' Lulju, 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef J. Galea Debono.

[5] Vide ***Il-Pulizija vs Joseph Taliana*** deciza nhar it-2 ta' Gunju, 2014 per Mag. Dr. N. Camilleri.

[6] Vide fol. 4 tad-Deposizzjoni ta' Bradley Attard ta' nhar it-2 ta' Gunju, 2016

In oltre PS 1284 Ian Caruana kemm fir-rapport tiegħu[7] kif ukoll fid-deposizzjoni tiegħu ta' nhar it-2 ta' Ġunju, 2016 jikkonferma illi l-kwerelant stess, ossia Bradley Attard, **"kien stqarr li r-ritratt li kien ġie in kwistjoni li kien qiegħed jidher fuq Facebook kien ippostjah Bradley Attard stess fuq Facebook imma kien bagħtu bħala personal chat lil persuna oħra."**

Mistoqsi in kontro-eżami jekk il-kwerelant ikkonfermax min kienet tali persuna illi rċiviet ir-ritratt in kwistjoni, PS1284 jikkonferma illi l-kwerelant ma semmielux min kienet tali persuna iżda qallu biss li kien ħabib tiegħu. Jemerġi b'hekk illi Bradley Attard għal raġunijiet magħrufa lilu biss għażel li mill-bidu tal-każ kien qiegħed ikun ekonomiku fil-verita'.

Għalkemm, fl-umli fehma tal-esponenti, tali fatti huma kruċjali għal proċeduri odjerni, l-kwerelant b'mod misterjuż għall-aħħar għażel li ma jsemmihomx fid-deposizzjoni tiegħu.

Fid-dawl ta' dawn il-misteri kollha, l-appellant bir-raġun jistaqsi: Jista' jagħti l-każ illi din il-persuna misterjuża illi fil-passat irċeviet ir-ritratt in kwistjoni kienet effettivament waħda mit-terzi persuni mhux identifikati illi kellha aċċess u li effettivament għamlet aċċess għall-profil ta' Facebook tal-kwerelant?

It-tweġiba aktarx iva milli le, fuq bażi ta' probabbilita' hija li din hija l-verita' u li hawn si tratta ta' każ fejn Bradley Attard ried iweġġa' lill-appellant minħabba relazzjoni ġdida li huwa beda ma' sieħeb ieħor wara li temm ir-relazzjoni tiegħu mal-imsemmi Bradley Attard.

**D. <u>Dwar ix-Xhieda tal-Appellant u l-Provi Prodotti mid-Difiża</u>**

Dan l-aggravju qiegħed jitqajjem mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti.

Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, l-appellant nhar is-26 ta' Ġunju, 2017 *di sua sponte* għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda u jagħti l-verżjoni tal-fatti bil-ġurament.

L-appellant kkonferma bil-ġurament illi għalkemm il-kwerelant u hu għamlu żmien f'relazzjoni u kienu jabitaw flimkien, madanakollu meta l-appellant kien jagħmel użu mil-laptop tal-kwerelant, dan dejjem għamlu bil-permess tal-kwerelant u <u>fil-preżenza tiegħu.</u>

[7] Vide IC1

Fil-fatt l-appellant isostni illi huwa qatt ma kellu għalfejn jużah il-laptop tal-kwerelant għax effettivament huwa kellu l-laptop tiegħu u kien jagħmel użu minnu. Tali fatt huwa kkonfermat mill-kwerelant stess a fol. 5 tad-deposizzjoni tiegħu.

L-esponenti kkonferma bil-ġurament ukoll illi huwa qatt ma seta' jaċċessa l-profil tal-Facebook tal-kwerelant stante li biex taċċessa tali profil, huwa kellu bżonn il-password tal-profil. Tali password huwa qatt ma kien jafha!![8]

L-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt tkun moralment ċerta illi kien l-esponenti li aċċessa l-profil tal-Facebook in kwistjoni.

In oltre l-appellanti fuq il-pedana tax-xhieda u bil-ġurament sostna illi l-lejl ta' bejn it-28 ta' Ottubru, 2015 u d-29 ta' Ottubru, 2015, ossia l-lejl tal-inċident odjern, huwa kien rieqed għand il-'partner' tiegħu, Jason Taliana. Tali dikjarazzjoni hija kkorraborata mix-xhieda ta' Jason Taliana stess li fid-deposizzjoni tiegħu ta' nhar is-26 ta' Ġunju, 2017, stqarr illi:

> Domenic kien qed joqgħod għandi għax kien qed jagħmel xi xogħlijiet il-flat u kien qiegħed joqgħod għandi.

A bażi tas-su espost kollu, tenut kont ta' dan il-kunflitt fil-provi, tenut kont li l-Prosekuzzjoni trid iġġib prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u li min-naħa l-oħra l-imputat huwa tenut li jipprova dak li jallega *'on a balance of probabilities'*, l-esponenti huwa tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma ssodisfatx l-oneru impost fuqha biex ikun jista' jingħad 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni illi kien l-appellanti illi mingħajr awtorizazzjoni aċċessa il-profil ta' Facebook tal-kwerelant odjern u kwindi, fl-umli fehma tal-esponenti, tali kunflitt tal-provi kellu jwassal għal-liberatorja.[9]

**E. <u>Dwar l-Oneru tal-Prova u l-'Best Evidence Rule'</u>**

Dan l-aggravju qiegħed jitqajjem mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-imputat huma veri u dan għaliex kif jgħid il-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale Vol III Kap IV paġna 234, Edizione 1890:-

> Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit.

---

[8] Vide fol. 2 tad-deposizzjoni tal-appellant.

[9] Vide ***Il-Pulizija vs Leeroy Balzan*** deċiża nhar id-9 ta' Marzu, 2017 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per Magistrat Dr. D. Clarke.

Interessanti li ssir referenza f'dan l-istadju għas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar l-1 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet <u>**'Mario Camilleri u Pierre Camilleri vs L-Avukat Ġenerali'**</u> dwar il-prova li għandu jkun hemm għal sejba ta' ħtija f'proċeduri kriminali. In fatti f'din is-sentenza nsibu referenza għal proviso tas-sub artikolu (5) ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif din ġiet trasposta b'dikjarazzjoni għall-interpretazzjoni għall-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja fejn ingħad li:-

> "(i) it is for the prosecution to prove the guilt of the accused beyond reasonable doubt;
> (ii) if the accused is called upon, either by law or by the need to rebut the evidence adduced against him by the prosecution, to prove or disprove certain facts, he need only prove or disprove that fact or those facts on a balance of probabilities;
> (iii) if the accused proves on a balance of probabilities a fact that he has been called upon to prove, and if that fact is decisive as to the question of guilt, then he is entitled to be acquitted;
> (iv) to determine whether the prosecution has proved a fact beyond reasonable doubt or whether the accused has proved a fact on a balance of probabilities, account must be taken of all the evidence and of all the circumstances of the case;
> (v) before the accused can be found guilty, whoever has to judge must be satisfied beyond reasonable doubt, after weighing all the evidence, of the existence of both the material and the formal element of the offence..."

Fil-każ odjern, mill-provi prodotti, jista' jkun li jirriżulta illi ntuża l-IP Address tal-appellant pero' kif spjega l-appellant stess quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, dan seta' jintuża faċilment minn divesi nies fl-ekwati nkluż l-kwerelant stess.

<u>L-aħjar prova li setgħet tressaq il-Prosekuzzjoni u ċioe' analiżi tal-laptop tal-appellant, baqgħet ma resqitiex.</u>

Illi l-appellanti jemmen illi dan huwa nuqqas kbir u dan għaliex il-Pulizija a bażi tal-artikolu 346 tal-Kap 9 messha elevat il-laptop tal-appellant u eżaminatu sabiex tara jekk kienx hemm xi traċċa ta' moviment fir-rigward tal-każ odjern u dan in vista li <u>*'every mark leaves a trace'.*</u>

Żgur li kieku dan il-laptop ġie eżaminat kien ikun hemm xi traċċa ta' moviment ta' dak li seħħ fil-jiem meta l-kwerelant allega li sar abbuż minn naħa tal-appellant. *Molto piu'* meta tqis li l-Prosekuzzjoni setgħet faċilment tkun taf illi l-esponenti kellu sistema '*wireless*' u li kienet aċċessibbli minn barra daru u għalhekk l-IP Address tiegħu kien aċċessibbli bl-użu ta' tagħmir teknoloġiku ieħor minn terzi persuni. Il-fatt li l-appellant kellu

din is-sistema ma ġietx kontestata jew pruvata b'mod kuntrarju u għalhekk il-Qorti kellha tagħtiha l-piż tagħha.[10]

In vista ta' dawn il-provi u /jew nuqqas tagħhom, l-esponenti jemmen li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt tasal b'mod konvinċenti li l-provi li tresqu kienu univoci li jwaslu lil ġudikant mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni li effettivament kien l-imputat li effettivament aċċessa l-profil tal-Facebook tal-kwerelant.

**F. <u>Dwar il-Piena</u>**

Mingħajr preġudizzju għall-aggravji kollha su esposti u fl-eventwalita' biss li l-aggravji preċedenti jiġu skartati minn dina l-Onorabbli Qorti, fl-umli fehma tal-esponenti, tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, inkluż il-fatt illi l-appellant għandu fedina penali relattivament netta u li qatt ma kellu każijiet oħra simili, il-piena mposta fuqu ma hijiex waħda ekwa u ġusta għal każ odjern u b'hekk timmerita temperament.

Kenny fil-ktieb tiegħu 'Outlines of Criminal Law' jgħallem li:

> **"As regards the offence, account must be taken: (1) of the greatness or smallness of the evil likely to result from acts of its class; (2) of the facility and difficulty with which it can be committed or, again with which it can be detected; (3) of the frequency or rarity with which, at the particular time concerned, acts of this class are being committed; (4) of the aggravating or extenuating circumstances which accompanied this particular act…**
>
> **As regards the offender himself, account must be taken: (1) of his age, health and sex; (2) of his rank, education, career and disposition; (3) of his motive; (4) of any temptation, or intoxication under the influence thereof he acted; (5) of his susceptibility to punishment…"**

L-appellant, bħal kull persuna oħra tas-soċjeta', għandu d-dmirijiet kif ukoll id-drittijiet fundamentali tiegħu li għandhom jiġu dejjem salvagwardjati, anke jekk *dato ma non concesso* huwa ħati. Għaldaqstant, l-esponenti m'għandux ikun suġġett għal piena ħarxa u sproporzjonata. F'ċirkostanzi li persuna tkun suġġetta għal piena sproporzjonata, ikun hemm leżjoni tad-drittijiet tagħha.

Artikolu 49 (3) tal-**<u>Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea</u>** jistipula li **"Is-severità tal-piena m'għandhiex tkun sproporzjonata għar-reat."**

---

[10] Vide Il-Pulizija vs Matthew Borg deciza nhar l-10 ta' Novembru, 2014 mill_Qorti tal-magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Mag. Dr. C. Scerri Herrera

Sabiex wieħed jistabilixxi jekk piena tosservax il-prinċipju tal-propozjonalita' jeżistu diversi eżamijiet. Fil-fatt, il-**Linja Gwida tal-Kunsill Ewropew tal-Kompatibilita ta' Drittijiet Fundamenta**li jispjega li "*the proportionality principle requires the measure to have a direct and logical link with the purpose of achieving the objective pursued*".

Dan il-prinċipju ta' proporzjonalita' ngħata l-importanza li tixraqlu anki mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn fis-sentenza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Bernard Borg et."**, l-Onor. Imħallef V. De Gaetano jagħmel referenza għall-awtur David Thomas, fejn fil-ktieb tiegħu *'Principles of Sentencing'* jispjega li:

> **"....the sentencer is bound by the normal principle requiring proportionality between offences and sentence."**

Smith & Hogan fil-ktieb tagħhom, *'Smith & Hogan Criminal Law 8th edition'* jgħallmu li:

> **"The sentence must be proportionate to the offence. The business of the court is to do justice... It is difficult to say, in absolute terms, that a particular sentence of imprisonment is proportionate to a particular rape or wounding – just as in civil law it is difficult to put a cash value on the plaintiff's arm when it has been lost through the defendant's negligence. We are not weighing like against like. The courts have to do the best they can. In relative terms, the notion of proportionality is more practicable."**

### *Ikkunsidrat : -*

4.Illi għal dak li jirrigwarda l-fattispeċi ta' dan il-każ jirriżulta illi nhar id-29 ta' Ottubru 2015 għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu Bradley Attard irraporta l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal-Qormi li aktar kmieni matul il-jum xi ħbieb kienu nfurmawħ illi fuq il-profil personali tal-*Facebook* tiegħu li għandu l-isem 'Silver Falcon' kien hemm ritratt u xi kummenti li l-istess kwerelant ma kienx jaf bihom u f'ebda mod ma kien awtorizza jew ifformula. Ix-xhud spjega illi hu jħalli l-*Facebook* mixgħul kostantement fuq il-*laptop* tiegħu u meta pprova jbiddel xi *settings* minħabba dan il-fatt, is-sistema ma ħallitux allavolja ħallietu jħassar dan ir-ritratt. In oltre qal

li kien ipprova jidħol fil-*Facebook* tiegħu tramite t-telefon ċellulari tiegħu bil-*password* tiegħu iżda għal xi raġuni ma ġiex awtorizzat.

5. Attard qal li hu kellu dan ir-ritratt stivat fuq il-*laptop* tiegħu li hu qatt ma qassam jew wera lil ħaddieħor ħlief li kien ippostja dan ir-ritratt f'okkazzjoni waħda unikament mal-persuna li jidher fir-ritratt. Dan kien għamlu mhux pubblikament, fejn setgħu allura jaraw ir-ritratt il-kwerelant u l-persuna l-oħra li kienet fir-ritratt miegħu biss. Skond il-kwerelant hu kellu suspett fir-rigward tal-appellant peress illi l-appellant kien jiffrekwentaħ u kien ikun ir-residenza tiegħu fejn kien saħansitra jagħmel użu mill-*laptop* tiegħu. Madankollu din ir-relazzjoni kienet intemmet fil-11 ta' Ġunju 2015. Skond ma xehed Attard, l-appellant kien kitiblu messaġġ fejn kien qallu li kien ser ipattihielu.

6. L-Unita tas-*Cybercrime* għamlet l-istħarriġ tagħha fuq dan il-każ minn fejn irriżulta li kien hemm żewġ *IP addresses* ta' żewġ persuni li kienu lloggjaw bil-*username* tal-kwerelant, senjatament Tristan Attard, li jiġi ħu l-kwerelant u l-ieħor kien Dominic Micallef u ċioe l-appellant, li rriżulta li kien illogja għall-ħabta tat-tlieta ta' filgħodu. Meta l-appellant ġie mitkellem mill-Pulizija, hu ċaħad li kien hu l-għamel dak l-att u stqarr li ma kienx għamel użu minn apparat elettroniku bejn il-17:00 u t-08:00 ta' dakinhar peress illi lanqas biss kien qiegħed id-dar tiegħu f'dak il-waqt. Konfrontat dwar il-fatt illi l-*IP address* tiegħu ġiet senjatalat u identifikat bħala wieħed minn dawk li aċċedew għall-profil *Facebook* t'Attard, l-appellant stqarr li peress illi Bradley Attard kien jaf il-*wifi pass* tiegħu jista' jkun li kien il-kwerelant stess li aċċeda tramite l-*password* tal-appellant biex jillogja.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi f'dan il-każ l-appell jistrieħ fuq l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati. B'mod partikolari f'appelli ta' dan il-ġeneru, huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali, li f'dan il-każ tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-funzjonijiet ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[11] fejn intqal:-

---

[11] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Diċembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[12]

6. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

[12] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

7. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[13]

[13] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs. Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs. Anthony***

9. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat[14].

10. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

***Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs. Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs. Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs. Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs. Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs. Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

[14] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

11. Skond il-ġurisprudenza nostrana jekk il-Qorti tal-Maġistrati tonqos milli tagħmel dan l-ezerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista tirriżulta n-nullita' tal-proċeduri, li tista' titqajjem anki *ex officio* mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixdu viva voce.[15]

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Thorne,***[16]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. Dil-Qorti rat li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet l-eżerċizzju t'analiżi tax-xiehda tax-xiehda u waslet għall-konklużjoni tagħha li tistrieħ fuq il-provi prodotti bħala l-bażi biex tasal għall-sejbien ta' ħtija fil-konfront tal-appellant. Dik il-Qorti esprimiet li l-prova kardinali kienet tinsab fir-rapport ta' PC1275 Matthew Sacco, rappreżentant tas-*Cybercrime Unit* tal-Pulizija.

---

[15] Ara is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Bartolo*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

[16] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

14. L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, *a maggior ragione*, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

15. Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

16. Il-Liġi penali **<u>ma teħtieġx</u>** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali

imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

17. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

18. Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Dawn ix-xiehda jitħarku bħal xiehda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil-miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xiehda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarġa minnhom u li fuqhom ikunu bażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xiehda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xiehda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

19. Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xiehda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl-artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero, jekk il-Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xiehda jinstemgħu xorta waħda tista tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal-imputat.

20. Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[17] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

21. Il-grad ta' sufficjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni* huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[18] Lord Moses stqarr hekk :

---

[17] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

[18] ibid.

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

22. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[19] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

23. Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, *inter alia*, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

24. Huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-</u>**

---

[19] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

**argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

***Ikkunsidrat: -***

25. Illi l-appellant jibbaża l-aggravji tiegħu prinċipalment fuq apprezzament erronju tal-provi prodotti nonche n-nuqqas ta' univoċita tal-provi ċirkostanzjali li tressqu fil-konfront tal-appellant. Huwa jikkritika n-natura tal-provi miġjuba bħala insuffiċjenti sabiex jaslu għas-sejbien ta' ħtija.

26. Kif intqal aktar fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun

moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.*[20]*

27.In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer***, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[21]

28.Kwindi huwa essenzjali li l-provi indizzjarji jkunu b'saħħithom biżżejjed kif ukoll li jkunu jippuntaw f'direzzjoni waħda u ċioe' lejn il-ħtija tal-imputat u ħadd iktar floku. Jekk mill-banda l-oħra l-provi indizzjarji ma jkunux univoċi, ma jkunux jistgħu jagħmlu prova in sostenn tal-ħtija tal-imputat.

29.Illi skond l-appellant, kif irriżulta mill-istħarriġ li għamlet l-Unita tas-*Cybercrime* mal-*Facebook,* fost diversi *IP addresses* li aċċedew għall-profil tal-kwerelant, kien hemm dak tal-appellant. Jgħid illi

---

[20] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[21]Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

minnhom kien hemm indirizzi reġistrati mal-*Melita Ltd* u oħrajn ma' *GO plc* fejn irriżulta illi dawk l-indirizzi reġistrati mal-Melita ma setgħux jiġu '*mapped*' u ergo baqgħu mhux magħrufa; filwaqt illi dawk reġistrati ma' *GO plc* irriżultaw li kienu reġistrati fuq Tristan Attard, l-appellant u persuna oħra mhux magħrufa. Jgħid li dan il-fatt waħdu diġa jirrendi din il-prova indizzjarja ekwivoka. Biss apparti hekk ma kien hemm l-ebda konferma minn min ipprovda l-informazzjoni dwar dawn l-*IP addresses* lill-Pulizija peress li ħadd mir-rappreżentanti tal-*Facebook, Melita Ltd* u *GO plc* ma xehdu f'dawn il-proċeduri. L-appellant jilmenta wkoll li ma ġiex analizzat il-*laptop* tal-appellant, mnejn għalhekk setgħet titressaq l-aħjar prova. L-appellant jilmenta wkoll li x-xhieda tal-allegat vittma ma kinitx waħda li wieħed jista' joqgħod fuqha peress illi kien hemm ċerta informazzjoni li hu ma pprovdiex lill-Pulizija immedjatament. Konsegwentement il-provi miġjuba la kienu suffiċjenti u wisq anqas ma kienu univoċi.

30. Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi miġjuba kif ukoll id-dokumenti li ġew eżebiti fl-atti mill-Prosekuzzjoni. Jirriżulta li l-kwerelant issuspetta fl-appellant peress illi kienu għamlu xi żmien jgħixu flimkien fejn l-istess kwerelant jgħid li l-appellant kellu aċċess għall-*laptop* tiegħu u kif ukoll li kien anki jaf il-*password* tiegħu. Il-kwerelant issuspetta li l-appellant kien aċċeda għall-kont tal-*Facebook* tiegħu minn fejn imbagħad bagħat dan ir-ritratt fuq il-*public page* tal-istess kwerelant, liema ritratt kien oriġinarjament fuq *private chat* li kellu mal-persuna l-oħra li tidher fir-ritratt. Nazzareno Borg, dak li jidher fir-ritratt mal-kwerelant xehed

f'dawn il-proċeduri fejn kkonferma dak li qal l-kwerelant u fejn filfatt kien hu stess illi kien għarraf lill-kwerelant dwar ir-ritratt li ġie mxandar fuq il-profil tiegħu fil-ħinijiet bikrin ta' filgħodu nhar id-29 ta' Ottubru 2015.

31. Bradley Attard xehed ukoll li r-relazzjoni bejnu u l-appellant kienet intemmet qabel il-każ u ma tantx kienet spiċċat sew tant illi kien hemm skambju ta' messaġġi li skond kif jiddeskrivi hu ma tantx kienu messaġġi sbieħ. In oltre skond ix-xhieda ta' PS1284 Ian Caruana li kien investiga l-każ u rrediġa r-rapport skond dak irrapurtat minn Bradley Attard, hu saħaq li Attard kien qallu permezz ta' messaġġ li l-appellant kien heddu li kien ser ipattihielu, liema messaġġ is-Surġent jgħid li kien rah b'għajnejh. Sfortunatament il-Qorti tal-Maġistrati ma ġietx ipprovduta b'dan il-messaġġ u kwindi tista' biss toqgħod fuq dak mistqarr mis-Surġent f'dan ir-rigward u fuq ix-xhieda tal-kwerelant.

32. In oltre PC1275 Matthew Sacco li rrediġa r-rapport da parti tas-*Cybercrime Unit*, ikkonkluda li mill-istħarriġ li għamel hu kemm mal-*Facebook* kif ukoll mar-rappreżentanti ta' *GO plc* u *Melita Ltd*, irriżultaw żewġ indirizzi *IP* li ġew identifikati bħala waħda minnhom ta' Tristan Attard li jiġi ħu l-kwerelant, filwaqt li l-indirizz l-ieħor huwa reġistrat fuq l-appellant fir-residenza tiegħu ġewwa San Pawl il-Baħar. Jidher ukoll li kien hemm indirizzi oħrajn li madankollu ma ġewx identifikati.

33. In oltre fl-atti hemm ukoll ix-xhieda permezz ta' Affidavit ta' rappreżentant tal-*GO plc*, ċjoe Anthony Bonnici f'liema stadju jisħaq

illi ma jistax jipprovdi l-informazzjoni rikjesta mill-Pulizija. Apparti dan ma hemm ebda affidavit jew xiehda oħra minn xi rappreżentant tal-*Melita Ltd* dwar dak stabbilit minnhom.

34. Di piu' hemm it-testimonjanza tal-appellant stess fejn saħaq illi hu ma kienx fir-residenza tiegħu fil-ġranet u fil-ħinijiet meta allegatament ġew kommessi r-reati kontra l-kwerelant. Dan il-fatt ġie kkonfermat fil-qosor ukoll minn Jason Taliana li kkonferma li meta marru jkellmuh il-Pulizija, l-appellant kien qiegħed joqgħod għandu ġewwa Birkirkara.

35. L-appellant jallega wkoll illi hu ma kienx jaf il-*password* tal-kwerelant peress li hu kellu kompjuter għaliħ u ma kienx juża dak tal-kwerelant ħlief biex jara xi serje ta' *Ħbieb u Għedewwa*. Hu allega wkoll li persuni barra mir-residenza tiegħu setgħu jidħlu fl-*internet* bil-*wifi* tiegħu li jlaħħaq barra u kwindi mhux hu neċessarjament għamel użu minnu jew aċċeda għall-kont tal-kwerelant.

36. Illi jibqa' l-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati straħet ħafna fuq ir-riżultanzi tar-rapport tas-*Cybercrime*, nonche l-fatt li l-appellant ma spjegax u ma ġġustifikax kif il-profil tal-kwerelant kien ġie aċċessat mill-indirizz *IP* tiegħu u ċioe mir-residenza jew biswit ir-residenza tiegħu ġewwa San Pawl tal-Baħar.

37. Illi din il-Qorti tifhem ukoll il-loġika wara l-ħsieb tal-Qorti tal-Maġistrati fis-sens li ma kienx jagħmel wisq sens, illi persuni oħra apparti l-appellant, ikollhom interess illi jagħmlu ħsara jew jirredikolaw lill-kwerelant b'dan il-mod daqstant personali,

permezz ta' ritratt illi jesponi l-orjentazzjoni sesswali tal-kwerelant, meta kien jaf li l-kwerelant ma kienx iħobb jitkellem dwarha - u dan skond kif ikkonferma l-appellant stess fit-testimonjanza tiegħu.

38. Jidher ċar ukoll illi l-Qorti tal-Maġistrati straħet prinċipalment fuq ix-xhieda ta' Bradley Attard - li evidentement qieset li kien xhud kredibbli – magħquda mar-riżultanzi tar-rapport tas-*Cybercrime*. Biss jibqa' l-fatt li kredibbli kemm kien kredibbli l-kwerelant, huwa kien limitat f'dawk il-fatti li huwa setgħa jipprovdi bit-testimonjanza tiegħu. Huwa jistqarr li kellu s-suspett li kien l-appellant dak li kien għamillu din l-azzjoni għaliex l-appellant, fil-passat – kellu aċċess għall-laptop tiegħu kif ukoll jgħid li kien jaf il-*password* tiegħu. Biss aktar minn hekk l-appellant ma setgħax jagħti aktar informazzjoni dwar dan is-suspett li huwa kellu.

39. Mill-banda l-oħra, apparti li l-appellant jiċħad li huwa kien dak li għamel dik l-intrużjoni fil-*Facebook* tal-kwerelant nonche li ma kienx l-artefiċi tal-*posting* pubbliku tar-ritratt de quo, hemm aspett ieħor li l-Qorti tal-Maġistrati kienet tenuta li tikkonsidra b'mod aktar attent. Il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tirċievi x-xiehda ta' PC1275 Matthew Sacco fir-rigward tar-riżultanzi tal-investigazzjoni kriminali kondotta minnu. Iżda, minkejja n-natura teknika, ħila jew sengħa speċjali li kien meħtieġ għalbiex tali informazzjoni riżultanti tinġieb u tiġi pproċessata, kif ukoll sabiex eventwalment tiġi konvertita f'evidenza fi proċeduri penali, dik il-Qorti ma ħassetx il-ħtieġa li tiġi ordnata perizja.

40.Issa jista' jkun li dik il-Qorti forsi ħassetha kunfidenti biżżejjed biex tkun tista' tinterpreta l-fatti riżultanti lill-Uffiċjal tas-*Cybercrime* b'mod għalhekk li setgħet ikkonkludiet li ma kellhiex il-ħtieġa li tordna perizja. Anke jekk dan setgħa kien il-każ, dik il-Qorti ma setgħetx tikkonsidra r-rapport tal-Uffiċjal tas-*Cybercrime* bħala **prova tal-kontenut tiegħu**. Biss kif intwera' aktar il-fuq, anke fil-każ tal-perizji, il-Liġi stess teħtieġ li dawk ix-xiehda li jkun ġabar fatti mingħandhom il-perit għandhom jinġiebu jixhdu fil-Qorti dwar dawk il-fatti li jkunu fornew lill-perit;[22] aħseb u ara f'każ bħal dan, fejn ix-xhud PC1275 l-anqas biss kien nominat espert tal-Qorti, kemm dawk il-persuni li mingħandhom irċieva l-informazzjoni PC1275 kellhom ikunu miġjuba l-Qorti sabiex jixhdu u jikkonfermaw l-informazzjoni supplita minnhom lill-Pulizija.

41.Illi din hija regola meħtieġa fil-Liġi Maltija sabiex tipprovdi salvagwardja lid-drittijiet tal-partijiet involuti, li mhux biss iresqu l-aqwa prova b'mod dirett, iżda wkoll sabiex il-partijiet ikunu jistgħu jagħmlu l-iskrutinju tagħhom ta' dawn il-fatti mistqarra tramite l-istitut tal-eżami u l-kontro-eżami ta' dawn ix-xiehda. F'dan il-każ dan kollu ġie maqbuż u l-Qorti tal-Maġistrati ħassitha sodisfatta biss bir-rapport tal-PC1275 mingħajr ma rat li dik l-informazzjoni li rċieva dan il-uffiċjal tkun imsaħħa bid-depożizzjoni ta' min forna dik l-informazzjoni; ċjoe bil-konverżjoni minn informazzjoni mogħtija minn terzi għal evidenza miġbura mingħand terzi.

[22] sakemm il-perit ma jkunx ġie mogħti l-fakulta li jisma' xiehda bil-ġurament jew jirċievi dokumenti skont l-artikolu 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Iżda anke f'dak il-każ xorta waħda tali xiehda jistgħu jiġu ordnati li jixhdu jew *ex officio* mill-Qorti jew fuq talba tal-imputat.

42. Is-sorsi tal-informazzjoni u ċioe *Facebook*, *GO plc* u *Melita Ltd*, ma kkonfermawx l-informazzjoni pprovduta lil PC1275 Matthew Sacco bil-ġurament. Bid-dovut rigward, din mhix xi ħtieġa kosmetika jew ta' dettall, iżda hija meħtieġa mill-Liġi stess. U konferma ta' kemm il-Prosekuzzjoni ħasset il-ħtieġa li tosserva dan ir-rekwiżit tirriżulta wkoll mill-fatt li l-Prosekuzzjoni, a fol 77, preżentat l-affidavit ta' Anthony Bonnici a tenur tal-artikolu 360A(1) tal-Kodiċi Kriminali, li pero ma wassal imkien u dan wara li ddikjara, fl-15 ta' Mejju 2017 – u għalhekk kważi sena u nofs wara d-data tal-każ - li minn riċerka magħmula fuq is-sistemi ta' *GO plc* ma rriżultat ebda informazzjoni fuq dak mitlub mill-Pulizija fir-referta mgħoddija lilu.[23] Kwindi dak li jistqarr PC1275 fil-konklużjonijiet tar-rapport tiegħu a bażi tal-informazzjoni pprovduta lilu minn *GO plc* qatt ma ġiet ikkonfermata.

43. Illi importanti hawnhekk li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-*hearsay* u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-*hearsay evidence*, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

---

[23] Skond din ir-referta eżebita, il-*GO plc* ġiet mitluba tipprovdi informazzjoni dwar '*ITS/CCU/720/2015 ADSL no. 21580637, Client I.P. 217.15.97.22*' – ara Folio 78 tal-atti proċesswali.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

44. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet : ***Il-Pulizija vs Janis Caruana*** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-*hearsay evidence* kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:

> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 19881 qalet hekk:

> 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

> 'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law ruel

against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

45.Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi*** ġie deċiż is-segwenti : -

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan ilkliem:

'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the

mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

46.Illi filwaqt li r-rapport tas-*Cybercrime* huwa importanti in kwantu jagħti kwadru tas-sitwazzjoni li rriżultat lill-Pulizija fl-investigazzjoni tagħhom, jingħad ukoll pero illi l-informazzjoni pprovduta u partikolarment ir-rabta bejn xi wieħed mill-*IP addresses* riżultanti li għamlu aċċess għall-*Facebook* tal-kwerelant mal-appellant ma ġietx filfatt ikkonfermata mir-rappreżentant tal-*GO plc*. Dan ma kienx eżerċizzju impossibbli għall-Prosekuzzjoni minħabba, ad eżempju, l-iskadenza tal-perjodu ta' retenzjoni t'informazzjoni jew l-eventwali distruzzjoni tagħha, in kwantu l-

informazzjoni relattiva kienet diġa' ġie fornita lill-Pulizija – kif jirriżulta mir-relazzjoni tas-*Cybercrime Unit*.

47. Fi kliem ieħor, filwaqt li l-prova li resqu l-Pulizja bħala rapport tas-*Cybercrime* hija prova ammissibbli, jibqa' l-fatt li l-kontenut tal-istess, partikolarment dak li jirrigwarda l-prova li wieħed mill-*IP addresses* indikat fiż-żminijiet mertu tal-akkużi mressqa huwa filfatt dak tal-appellant - u liema prova finalment kienet torbot lill-appellant mal-akkużi miġjuba kontra tiegħu – baqgħet qatt ma ġiet ikkonfermata quddiem il-Qorti.

48. Iżda anke fid-dawl tal-fatt li l-appellant kien qiegħed jikkontesta li kien hu li għamel dak il-*posting* pubbliku tar-ritratt de quo kien meħtieġ li dak li kien hemm fir-relazzjoni tas-*Cybercrime* jiġi stabbilit bħala fatt – ħaġa pero li kif intqal, ma saretx. Iżda anke kieku biss, *gratia argomenti*, kellu jiġi ritenut li l-kontenut tar-relazzjoni tas-*Cybercrime Unit* kienet tikkostitwixxi prova sħiħa minnha nnifisha tal-kontenut tagħha jirriżulta minnha li l-appellant ma kienx l-uniku persuna li fil-perjodu indikat kienet aċċediet għall-profil tal-*Facebook* tal-kwerelant. Dan ukoll, minnu nnifsu jirrendi dik l-evidenza ċirkostanzjali ekwivoka u għalhekk ma tistax tistrieħ fuqha biss biex tiġi stabbilita l-ħtija.

49. Dak li jifdal għalhekk jistrieħ fuq dak li xehed l-appellant li, kif ġie rilevat qabel, huwa prova li huwa kellu **suspett** fl-appellant għax kellu aċċess għall-*computer* u l-*password* tiegħu – fatt dan tal-aħħar kontestat mill-appellant fix-xiehda tiegħu; kif ukoll il-**movent**,

dovut għall-fatt li l-appellant jagħti x'jifhem illi r-relazzjoni li ntemmet bejniethom ma tantx spiċċat sew tant illi kien hemm skambju ta' messaġġi fejn fosthom l-appellant kien heddu li ser ipattihielu. Dan il-messaġġ, (li minbarra li rah il-kwerelant, jixhed dwaru PS1284 Ian Caruana li jgħid li ġie muri dan il-messaġġ), qatt ma ġie muri lill-Qorti, u wisq anqas hemm xi forma ta' verifika dwar mingħand min intbagħat, meta u kif.. Madankollu il-movent *per se* ma jikkonstitwix prova għall-fini ta' sejbien ta' ħtija. Il-kumplament tal-provi legalment ammissibbli bħala tali, inkluż id-deposizzjoni tal-kwerelant, ma kienux b'saħħithom biżżejjed biex, magħquda flimkien u in bażi tagħhom, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjoni ta' sejbien ta' ħtija b'mod ritenibbli *safe and satisfactory.*

# *Deċide*

Li għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tilqa' l-appell ta' Domenico Savio Micallef, tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***